Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0059(COD)

1.12.2025

EMENDI
2016 - 2375

Abbozz ta' rapport
Malik Azmani
(PE779.352v01-00)

L-istabbiliment ta' sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u t-tħassir tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

Proposta għal regolament
(COM(2025)0101 – 2025/0059(COD))

Emenda 2016
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata jew estiża minn awtoritajiet amministrattivi,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li***:	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

Or. en

Emenda 2017
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata jew estiża minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li***:	3. Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata jew estiża minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 2018
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata jew estiża minn awtoritajiet amministrattivi,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal*** rieżami ġudizzjarju***, billi jipprevedu li:***	3. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu proċeduri effettivi u fil-pront, stabbiliti fid-dritt nazzjonali, biex*** jiżguraw rieżami ġudizzjarju ***rapidu tal-legalità tad-detenzjoni ordnata minn awtorità amministrattiva. Dawn il-proċeduri għandhom, għall-inqas, jippreskrivu limitu ta' żmien raġonevoli biex tali rieżami jiġi konkluż.***

Or. en

Emenda 2019
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-detenzjoni ***tkun ġiet ordnata*** jew ***estiża*** minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li:	3. Meta d-detenzjoni ***jew alternattivi għad-detenzjoni jkunu ġew ordnati*** jew ***estiżi*** minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li:

Or. en

Emenda 2020
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata ***jew estiża*** minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom	3. Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fatti, l-

jiżguraw li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li:	evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li:

Or. en

Emenda 2021
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-detenzjoni ***tkun ġiet*** ordnata ***jew estiża*** minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal*** rieżami ġudizzjarju***, billi jipprevedu li:***	3. Meta d-detenzjoni tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom ***jipprevedu*** rieżami ġudizzjarju ***rapidu tal-legalità tad-detenzjoni li tiġi mwettqa ex officio jew fuq it-talba tal-applikant, jew it-tnejn li huma.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa l-lingwaġġ użat fl-ambitu tal-RCD għad-detenzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali. Biex jiġi pprovdut sett ta' regoli konsistenti u aktar faċilment applikabbli, dawn għandhom ikunu l-istess għal persuni ripatrijati.

Emenda 2022
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż	***imħassar***

malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Indirizzat fl-emendi hawn taħt.

Emenda 2023
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 2024
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 2025
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara; jew	a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni ***jew alternattivi għad-detenzjoni*** jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni ***jew l-applikazzjoni tal-miżuri alternattivi***, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara; jew

Or. en

Emenda 2026
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni***, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara;*** jew	a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni ***jew alternattivi għad-detenzjoni*** jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni jew ***l-applikazzjoni tal-miżuri alternattivi, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara;***

Or. en

Emenda 2027
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***kwalunkwe*** stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni ***jiġi konkluż*** malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-	a. ***jipprevedu li*** stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni ***għandu jiġi deċiż*** malajr kemm jista' jkun ***fi żmien***

detenzjoni***, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara***; jew	***perjodu stabbilit fid-dritt nazzjonali*** wara l-bidu tad-detenzjoni; jew

Or. en

Emenda 2028
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni***, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara***; jew	a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni; jew

Or. en

Emenda 2029
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2030
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Indirizzat fl-emenda hawn taħt.

Emenda 2031
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux	***imħassar***

aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Or. en

Emenda 2032
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2033
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni ***jew tal-miżuri***

stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, malmument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	***alternattivi*** tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, malmument tad-detenzjoni ***jew l-applikazzjoni ta' miżuri alternattivi***, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Or. en

Emenda 2034
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti***, u mhux aktar tard minn 15 jum wara***. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, malmument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni ***jew tal-alternattivi għad-detenzjoni*** tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, malmument tad-detenzjoni ***jew l-applikazzjoni ta' miżuri alternattivi***, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Or. en

Emenda 2035
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

b. ***iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikkonċernat ***jingħata d-dritt*** li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju***,*** li għandu jiġi ***konkluż*** malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti***, u mhux aktar tard minn 15 jum wara***. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.	b. ***jagħtu liċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ikkonċernat ***id-dritt*** li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni ***għandha*** tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju li għandu jiġi ***deċiż*** malajr kemm jista' jkun ***f'perjodu stabbilit fid-dritt nazzjonali*** wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Or. en

Emenda 2036
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. ***F'dawn il-każijiet,*** l-Istati Membri għandhom ***minnufih, mal-mument tad-detenzjoni,*** jinfurmaw ***liċ-ċittadin*** ta' ***pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti***.	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ***liċ-ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi detenuti dwar id-dritt tagħhom għal stħarriġ ġudizzjarju fil-ħin, bl-użu ta' mezzi prattiċi adattati għas-sitwazzjoni***.

Or. en

Emenda 2037
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi identifikati bħala li joħolqu riskju għas-sigurtà skont l-Artikolu 16, l-Istati Membri jistgħu japplikaw proċeduri ta' stħarriġ imsaħħa, inkluża superviżjoni aktar stretta jew valutazzjoni ġudizzjarja aktar frekwenti, biex jiżguraw li l-miżuri ta' detenzjoni u ritorn jimmaniġġjaw ir-riskju b'mod adegwat.

Or. en

Emenda 2038
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta jitwettaq ex officio, tali stħarriġ għandu jiġi konkluż mill-aktar fis possibbli, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ, u mhux aktar tard minn 15-il jum jew, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, mhux aktar tard minn 21 jum mill-bidu tad-detenzjoni.

Or. en

Emenda 2039
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jiġi rilaxxat immedjatament u l-alternattivi kollha

għad-detenzjoni għandhom jieqfu japplikaw jekk jinstab li d-detenzjoni mhijiex jew ma għadhiex legali.

Or. en

Emenda 2040
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jiġi rilaxxat immedjatament u l-alternattivi kollha għad-detenzjoni għandhom jieqfu japplikaw jekk jinstab li d-detenzjoni mhijiex jew ma għadhiex legali.

Or. en

Emenda 2041
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu għal stħarriġ ġudizzjarju f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jaffettwaw il-kapaċità amministrattiva jew ġudizzjarja, skont l-Artikolu 47.

Or. en

Emenda 2042
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Meta jitwettaq fuq it-talba tal-persuna ripatrijata, appell għandu jiġi konkluż mill-aktar fis possibbli, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ, u mhux aktar tard minn 15-il jum jew, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, mhux aktar tard minn 21 jum mit-tnedija tal-proċedimenti rilevanti.

Or. en

Emenda 2043
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq***, bħala regola,*** f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	1. Id-detenzjoni għandha ***ġeneralment*** titwettaq f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***, fejn possibbli,*** għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji. ***Il-faċilitajiet ta' detenzjoni jenħtieġ li joperaw skont regoli u proċeduri interni li jiżguraw il-ġestjoni sikura, ordnata u protetta tal-faċilità. Din jenħtieġ li tinkludi livelli xierqa ta' superviżjoni tal-persunal, monitoraġġ effettiv fejn meħtieġ, u miżuri biex jipprevjenu l-vjolenza, l-abbuż sesswali, il-fastidju, l-awtokorriment, u inċidenti oħra li jistgħu jipperikolaw lid-detenuti jew lill-persunal. Il-faċilitajiet jenħtieġ li jwettqu spezzjonijiet interni regolari biex iżommu s-sigurtà, jidentifikaw oġġetti pprojbiti,***

	jiżguraw kundizzjonijiet sanitarji, u jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Żoni ta' żamma temporanja, mifhuma bħala kmamar siguri użati għal perjodi qosra waqt id-dħul, it-trasferiment jew l-ipproċessar inizjali, jenħtieġ li jippermettu osservazzjoni kontinwa mill-persunal u jipprovdu kundizzjonijiet bażiċi ta' sigurtà u iġjene, inkluż aċċess għall-ilma tax-xorb u faċilitajiet sanitarji essenzjali.

Or. en

Emenda 2044
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***, fejn possibbli,*** għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji. ***L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri temporanji biex jespandu l-kapaċità waqt sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' ritorn.***

Or. en

Emenda 2045
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, ***adattati fejn xieraq għall-ħtiġijiet ta' persuni ripatrijati vulnerabbli,*** inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji ***u jinżammu f'kundizzjonijiet xierqa għall-istatus u l-ħtiġijiet tagħhom***.

Or. en

Emenda 2046
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk ***f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji***.	1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk ***adattati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċifiċi għall-ġeneru, adattati għall-età, u relatati mal-vulnerabbiltà ta' ċittadini***ta' pajjiżi terzi ***detenuti***.

Or. en

Emenda 2047
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji ***meta dan ikun possibbli***.

Or. fr

Emenda 2048
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola ***ġenerali***, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.

Or. en

Emenda 2049
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Id-detenzjoni għandha titwettaq***,*** ***bħala regola,*** f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.	1. Id-detenzjoni għandha ***ġeneralment*** titwettaq f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***, fejn possibbli,*** għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.

Or. en

Emenda 2050
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenzjoni għandha titwettaq***,*** ***bħala regola,*** f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk ***f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji***.	1. Id-detenzjoni għandha titwettaq f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk ***adattati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġeneru u l-età ta' ċittadini*** ta' pajjiżi terzi ***detenuti***. ***L-Istati Membri jiżguraw li r-restrizzjoni tal-libertà tkun l-inqas intrużiva possibbli u tikkorrispondi man-natura tad-detenzjoni amministrattiva.***

Or. en

Emenda 2051
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ċittadini ta' pajjiżi terzi identifikati bħala li joħolqu riskju għas-sigurtà skont l-Artikolu 16 jistgħu

jitqiegħdu f'arranġamenti ta' sigurtà msaħħa fi ħdan faċilitajiet ta' detenzjoni, inklużi miżuri ta' separazzjoni aktar stretti jew superviżjoni akbar, għad-durata meħtieġa biex jiġi ġestit ir-riskju u jiġi ffaċilitat ir-ritorn tagħhom.

Or. en

Emenda 2052
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-beraħ.	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-beraħ. ***L-aċċess għal spazju fil-beraħ jista' jiġi ristrett għal perjodu ta' żmien limitat, jekk ikun meħtieġ u proporzjonat biex tiġi żgurata faċilità ta' detenzjoni li tiffunzjona tajjeb.***

Or. en

Emenda 2053
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew***, *fuq talba,*** jistabbilixxu kuntatt ***fi żmien xieraq*** ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.	3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew jistabbilixxu kuntatt ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti ***mingħajr dewmien żejjed***. ***L-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom jingħataw id-dritt li jikkuntattjaw lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati. Dan għandu jinkludi d-***

dritt li jikkuntattjaw organizzazzjoni li taħdem fuq it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat f'isem il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati skont ftehim ma' dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 2054
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew, fuq talba, jistabbilixxu kuntatt fi żmien xieraq ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.	3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew, fuq talba, jistabbilixxu kuntatt fi żmien xieraq ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti***, soġġetti għal arranġamenti prattiċi u kunsiderazzjonijiet relatati mas-sigurtà***.

Or. en

Emenda 2055
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew***, fuq talba, jistabbilixxu kuntatt fi żmien xieraq ma'*** rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.	3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew ***jikkuntattjaw*** rappreżentanti legali, ***rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi,*** membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.

Or. en

Emenda 2056
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew***, fuq talba,*** jistabbilixxu kuntatt ***fi żmien xieraq*** ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.	3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew jistabbilixxu***, malajr kemm jista' jkun,*** kuntatt ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kuntatt mar-rappreżentanti legali u l-membri tal-familja ma jistax ikun kwistjoni ta' "żmien xieraq". Huwa d-dritt ta' persuna ripatrijata li tirċievi parir legali u li tikkontesta d-deċiżjoni li tinżamm f'detenzjoni.

Emenda 2057
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-awtorità kompetenti li timmaniġġja l-faċilità għandha tipprovdi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti informazzjoni dwar id-dritt tagħhom li jitolbu kuntatt ma' rappreżentanti legali. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tintwera f'diversi partijiet tal-faċilità f'lingwi li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti jifhmu.

Or. en

Emenda 2058

Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet ***speċjali*** ta' persuni vulnerabbli detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ***ta' emerġenza*** u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.	4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet ***speċifiċi għall-ġeneru, relatati mal-età, mediċi, psikoloġiċi u ta' protezzjoni*** ta' persuni vulnerabbli detenuti. ***Qabel ma tiġi ordnata d-detenzjoni tagħhom, il-ħtiġijiet speċjali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandhom jiġu vvalutati minn persunal kwalifikat biex jiġu identifikati tali vulnerabbiltajiet.*** Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti***, inklużi s-saħħa mentali, is-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, is-servizzi soċjali u t-trattament għal mard kroniku***.

Or. en

Emenda 2059
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet ***speċjali*** ta' persuni ***vulnerabbli*** detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.	4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet ***speċifiċi għall-ġeneru, relatati mal-età, mediċi, psikoloġiċi u ta' protezzjoni*** ta' persuni detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard***, inkluż aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kura tas-saħħa mentali, u prodotti tal-iġjene adattati għas-sess u l-età,*** liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.

Or. en

Emenda 2060
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti.*** Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.	4. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.

Or. en

Emenda 2061
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari ***lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet*** speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.	4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari ***lill-ħtiġijiet*** speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.

Or. en

Emenda 2062
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari ***lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet*** speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.	4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari ***lill-ħtiġijiet*** speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.

Or. en

Emenda 2063
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Artiklu 13(1) tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2064
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Meta d-detenzjoni ta' persuni ripatrijati vulnerabbli bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza tpoġġi s-saħħa

fiżika u mentali tagħhom f'riskju serju, dawk il-persuni ripatrijati ma għandhomx jinżammu f'detenzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2065
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Meta persuni ripatrijati bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza jinżammu f'detenzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir monitoraġġ regolari tal-applikanti u li dawk il-persuni ripatrijati jiġu pprovduti b'appoġġ adegwat u f'waqtu filwaqt li titqies il-qagħda partikolari tagħhom, inkluża s-saħħa fiżika u mentali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2066
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi	5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi

nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***għandu jkollhom*** il-possibbiltà li jżuru ***kwalunkwe*** faċilità ta' detenzjoni ***u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza***. Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni.	nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***jenħtieġ li, fuq talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ikollhom*** il-possibbiltà li jżuru ***l-*** faċilità ta' detenzjoni. Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni ***u kundizzjonijiet xierqa oħra, inkluż il-ħruġ minn qabel ta' approvazzjoni tas-sigurtà xierqa maħruġa minn awtorità kompetenti f'konformità mad-dritt nazzjonali***. ***L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti għal tali aċċess bis-saħħa tad-dritt nazzjonali fejn tali limiti jkunu oġġettivament meħtieġa għas-sigurtà, l-ordni pubbliku jew il-ġestjoni amministrattiva tal-faċilità.***
	Or. en

Emenda 2067
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. ***Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni***.	5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. ***L-awtorità kompetenti li tmexxi l-faċilità ta' detenzjoni għandha talloka ħin u spazju adegwati għall-għoti ta' assistenza legali. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-avukati u lill-persuni li huma permessi jipprovdu pariri u rappreżentanza legali skont id-dritt nazzjonali biex jistabbilixxu permanenzi fil-faċilità***.
	Or. en

Emenda 2068
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. ***Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni***.	5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti***, kif ukoll il-ġurnalisti u l-membri tal-parlamenti nazzjonali u Ewropej,*** għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. ***Żjarat għal għarrieda għandhom isiru possibbli***.

Or. en

Emenda 2069
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali***,*** internazzjonali ***u mhux governattivi*** rilevanti u kompetenti ***għandu*** jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza***. Dawn iż-żjarat ***jistgħu jkunu*** soġġetti għal awtorizzazzjoni.	5. ***5.*** Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali ***u*** internazzjonali rilevanti u kompetenti ***jista'*** jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***fuq talba miċ-ċittadin ta' pajjiż terz***. Dawn iż-żjarat ***għandhom ikunu*** soġġetti għal ***approvazzjoni tas-sigurtà u***awtorizzazzjoni ***f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 2070
Milan Uhrík

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali***, internazzjonali u mhux governattivi*** rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni.	5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 2071
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***għandu jkollhom*** il-possibbiltà li jżuru ***kwalunkwe*** faċilità ta' detenzjoni ***u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza***. ***Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni.***	5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***jenħtieġ li*** jkollhom il-possibbiltà li jżuru faċilità ta' detenzjoni ***skont ir-regoli u l-istatuti tal-faċilità***.

Or. en

Emenda 2072
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-possibbiltà msemmija fil-paragrafu 5 għandha tingħata fuq talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet xierqa oħra, inkluż l-awtorizzazzjoni minn qabel, il-ħruġ ta' approvazzjoni tas-sigurtà xierqa minn awtorità kompetenti f'konformità mad-dritt nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti fuq tali aċċess fejn tali limiti huma previsti mid-dritt nazzjonali u huma oġġettivament meħtieġa għas-sigurtà, l-ordni pubbliku jew il-ġestjoni amministrattiva tal-faċilità.

Or. en

Emenda 2073
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u b'lingwa li jifhmu. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.	6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni ***b'lingwa li jifhmu, jew b'waħda li jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli li jifhmu,*** li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u b'lingwa li jifhmu. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew

l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

Or. fr

Emenda 2074
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u b'lingwa li jifhmu. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.	6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u b'lingwa li jifhmu***, jew li suppost jifhmu***. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

Or. en

Emenda 2075
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom ***b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u*** b'lingwa li jifhmu. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-	6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwa li jifhmu ***jew li jista' jiġi preżunt li jifhmu***. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament

intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

Or. en

Emenda 2076
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti ***bil-miktub*** informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom ***b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u*** b'lingwa li jifhmu. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.	6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwa li jifhmu ***jew li jista' jiġi raġonevolment preżunt li jifhmu***. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

Or. en

Emenda 2077
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi ***d-drittijiet u*** l-obbligi tagħhom ***b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u*** b'lingwa li jifhmu. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt	6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi l-obbligi tagħhom b'lingwa li jifhmu ***jew li jista' jiġi raġonevolment preżunt li jifhmu***. Din l- informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt

nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija ***fil-paragrafi 3 u 5***.	nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija ***fil-paragrafu 3***.

Or. en

Emenda 2078
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-persuni detenuti għandu jkollhom id-dritt li jressqu lmenti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħhom lil awtorità kompetenti u indipendenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmenti jiġu investigati u solvuti b'mod effettiv mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 2079
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-persuni detenuti għandu jkollhom id-dritt li jressqu lmenti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħhom lil awtorità kompetenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilmenti jiġu investigati u solvuti b'mod effettiv mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 2080
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 35	***imħassar***
Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' minorenni u familji	
1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	
2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi thejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	
3. Il-minorenni f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.	

Or. en

Emenda 2081
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ***ta'*** minorenni ***u*** familji	***Deroga*** għad-detenzjoni ***għal*** minorenni***,*** familji ***b'minorenni, u persuni vulnerabbli***

Or. en

Emenda 2082
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' ***minorenni*** u familji	Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' ***tfal mhux akkumpanjati*** u familji ***bit-tfal***

Or. en

Emenda 2083
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' minorenni u familji	***Projbizzjoni tad-detenzjoni*** ta' minorenni u familji

Or. en

Emenda 2084
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta'	***Projbizzjoni tad-detenzjoni*** ta' minorenni u

minorenni u familji	familji

Or. en

Emenda 2085
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' minorenni u familji	Minorenni u familji

Or. en

Emenda 2086
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Il-minorenni ma għandhomx ikunu detenuti. Alternattivi adegwati għad-detenzjoni għandhom jintużaw għal familji b'minorenni f'konformità mal-prinċipju tal-unità tal-familja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2087
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal. ***Ir-ritorn u t-tneħħija ta' minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni jenħtieġ li jingħataw prijorità biex jiġi minimizzat il-perjodu ta' detenzjoni tagħhom.***

Or. en

Emenda 2088
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss*** bħala miżura tal-aħħar istanza u ***għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud*** tal-aħjar interessi tat-tfal***.***	1. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** bħala miżura tal-aħħar istanza u***, wara valutazzjoni*** tal-aħjar interessi tat-tfal***, u wara li jkun ġie stabbilit li miżuri alternattivi oħra inqas koerċittivi ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv, f'konformità mal-Artikolu 26, il-minorenni jistgħu jiġu detenuti:***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2089
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal***, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jiggarantixxu s-sikurezza u jipprevjenu l-ħrib***.

Or. en

Emenda 2090
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni ***għandhom*** jiġu detenuti ***biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal***.	1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni ***ma għandhomx*** jiġu detenuti. ***Minflok, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23.***

Or. en

Emenda 2091
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni ***għandhom*** jiġu detenuti ***biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien***	1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni ***ma għandhomx*** jiġu detenuti ***għal raġunijiet relatati mal-istatus ta' immigrazzjoni tagħhom stess***

xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	***jew tal-ġenituri tagħhom***.

Or. en

Emenda 2092
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-minorenni*** mhux akkumpanjati u l-familji ***b'minorenni*** għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. ***It-tfal*** mhux akkumpanjati u l-familji ***bit-tfal*** għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 2093
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-minorenni ***mhux akkumpanjati u l-familji*** b'minorenni għandhom jiġu detenuti ***biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq*** u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. Il-minorenni***, il-familji*** b'minorenni***, l-persuni vulnerabbli ma għandhomx*** jiġu detenuti ***iżda għandhom jiġu akkomodati f'faċilitajiet speċjalizzati li jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom*** u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 2094
Nadine Morano

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-minorenni*** mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni ***għandhom*** jiġu detenuti ***biss bħala miżura tal-aħħar istanza u*** għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. ***Meta l-minorenni*** mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni jiġu detenuti***, jeħtiġilhom jinżammu*** għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

Or. fr

Emenda 2095
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) fil-każ ta' minorenni akkumpanjati, fejn il-ġenitur jew l-indokratur primarju tal-minorenni jkun detenut; jew

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2096
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, meta d-detenzjoni tissalvagwardja lill-minorenni. Tali detenzjoni għandha tkun għall-iqsar

perjodu ta' żmien possibbli. Il-minorenni qatt ma għandhom ikunu detenuti f'ħabs jew f'faċilità oħra użata għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Għandu jsir kull sforz biex id-detenuti minorenni jinħelsu u jitqiegħdu f'akkomodazzjoni adatta għall-minorenni. L-aħjar interessi tal-minorenni, kif imsemmi fl-Artikolu 18, għandhom ikunu l-kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 2097
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta minorenni mhux akkumpanjati jkunu detenuti, huma għandhom jiġu akkomodati f'faċilitajiet adattati għall-akkomodazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati. Tali faċilitajiet għandu jkollhom persunal li jkun ikkwalifikat biex jissalvagwardja d-drittijiet ta' minorenni mhux akkumpanjati u li jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tagħhom. Meta jiġu detenuti minorenni mhux akkumpanjati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu akkomodati b'mod separat mill-adulti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-emendi kollha għal dan l-Artikolu, ara d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza 13(2), (3) u (4). Għall-konsistenza leġiżlattiva u biex jiġu żgurati s-salvagwardji xierqa għat-tfal fi proċedura ta' ritorn, dawn id-dispożizzjonijiet iridu jkunu allinjati.

Emenda 2098
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-unità tal-familja u ma għandhomx jisseparaw lit-tfal mill-ġenituri tagħhom sakemm dan ma jkunx strettament meħtieġ mill-aħjar interessi tat-tfal. Arranġamenti xierqa ta' kura u akkomodazzjoni għandhom jiżguraw li l-familji jkunu jistgħu jibqgħu flimkien fil-komunità u li t-tfal ikollhom aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u servizzi essenzjali oħra.

Or. en

Emenda 2099
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-htiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2100
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2101
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza ***adegwata***. ***Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.***	2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza ***u kundizzjonijiet tal-għajxien adegwati f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 2102

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-familji u l-minorenni*** mhux akkumpanjati ***detenuti bi tħejjija għar-ritorn*** għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet ***tal-persuni tal-età tagħhom*** u ***tal-ġeneru*** tagħhom***, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa***.	2. ***Il-minorenni*** mhux akkumpanjati ***u l-familji b'minorenni*** għandhom***, matul il-perjodu ta' detenzjoni,*** jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet ***ta' minorenni*** u ***tal-età*** tagħhom.

Or. en

Emenda 2103
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-familji u l-minorenni*** mhux akkumpanjati ***detenuti bi tħejjija għar-ritorn*** għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet ***tal-persuni tal-età tagħhom*** u ***tal-ġeneru*** tagħhom***, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa***.	2. ***Il-minorenni*** mhux akkumpanjati ***u l-familji b'minorenni*** għandhom***, matul il-perjodu ta' detenzjoni,*** jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet ***ta' minorenni*** u ***tal-età*** tagħhom.

Or. en

Emenda 2104
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji u ***l-minorenni*** mhux akkumpanjati detenuti bi ħtejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet ***tal-persuni*** tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	2. Il-familji u ***t-tfal*** mhux akkumpanjati detenuti bi ħtejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet ***tat-tfal*** tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.

Or. en

Emenda 2105
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Birgit Sippel, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji u l-minorenni ***mhux akkumpanjati*** detenuti bi ħtejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	2. Il-familji u l-minorenni detenuti bi ħtejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.

Or. en

Emenda 2106

Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-familji ***u l-minorenni*** mhux akkumpanjati ***detenuti bi tħejjija għar-ritorn*** għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.	2. Il-familji***, il-minorenni*** mhux akkumpanjati***, u l-persuni vulnerabbli*** għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.

Or. en

Emenda 2107
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2108
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2109
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-minorenni*** f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.	3. ***It-tfal*** f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 2110
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni ***f'detenzjoni*** għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq	3. Il-minorenni ***akkomodati f'faċilitajiet speċjalizzati*** għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni

għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.	fil-format l-aktar xieraq.

Or. en

Emenda 2111
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-minorenni f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess ***għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul*** tad-detenzjoni tagħhom.	3. Il-minorenni f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess ***għal attivitajiet edukattivi skont it-tul*** tad-detenzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 2112
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura ta' riammissjoni	Proċedura ta' riammissjoni ***u konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità***

Or. en

Emenda 2113
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Proċedura ta’ riammissjoni	Proċedura ta’ riammissjoni ***għal ritorn volontarju***

Or. en

Emenda 2114
Marieke Ehlers
f’isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mal-ħruġ ta’ deċiżjoni ta’*** ritorn ***infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28***, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn ***applikabbli***, għandhom ***sistematikament u mingħajr dewmien żejjed*** jibdew il-proċedura ta’ riammissjoni.	1. ***Wara l-ħruġ ta’*** ritorn, l-awtoritajiet kompetenti, ***fejn rilevanti*** bl-appoġġ tal-Frontex fejn ***mitlub***, għandhom jibdew il-proċedura ta’ riammissjoni. ***Dawn għandhom b’mod partikolari jivverifikaw l-identità taċ-ċittadin ta’ pajjiż terz, u jiżguraw li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikollu d-dokument(i) tal-ivvjaġġar meħtieġ(a).***

Or. en

Emenda 2115
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mal-ħruġ ta’ deċiżjoni*** ta’ ritorn ***infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28***, l-awtoritajiet kompetenti***, bl-appoġġ tal-Frontex fejn applikabbli,*** għandhom ***sistematikament u mingħajr dewmien żejjed*** jibdew il-proċedura ta’ riammissjoni.	1. ***Mal-aċċettazzjoni*** ta’ ritorn ***volontarju***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibdew il-proċedura ta’ riammissjoni.

Or. en

Emenda 2116
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli u minkejja*** l-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn applikabbli, għandhom ***sistematikament u*** mingħajr dewmien żejjed jibdew ***il-proċedura*** ta' riammissjoni.	1. ***Ladarba jkun skada l-perjodu għall-aċċettazzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, skont*** l-Artikolu ***12, il-paragrafu 2, u fejn deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx ġiet sospiża f'konformità mal-Artikolu*** 28, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn applikabbli, għandhom mingħajr dewmien żejjed jibdew ***proċedura*** ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 2117
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mal-ħruġ*** ta' deċiżjoni ta' ritorn ***infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28***, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn ***applikabbli***, ***għandhom sistematikament u mingħajr dewmien żejjed*** jibdew ***il-proċedura ta' riammissjoni***.	1. ***Wara l-ħruġ*** ta' deċiżjoni ta' ritorn, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom***, ***fejn ikun rilevanti,*** bl-appoġġ tal-Frontex fejn ***ikun rilevanti***, jibdew ***ir-riammissjoni, b'mod partikolari fejn din tkun meħtieġa biex tiġi stabbilita jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata jew biex jinkisbu dokumenti tal-ivvjaġġar li bihom tkun tista' tirritorna***.

Or. en

Emenda 2118
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn ***infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28***, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn applikabbli, għandhom sistematikament u mingħajr dewmien żejjed jibdew il-proċedura ta' riammissjoni.	1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn applikabbli, għandhom sistematikament u mingħajr dewmien żejjed jibdew il-proċedura ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 2119
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli ***u minkejja l-Artikolu 28***, l-awtoritajiet kompetenti, ***bl-appoġġ tal-Frontex*** fejn ***applikabbli***, għandhom ***sistematikament u mingħajr dewmien żejjed*** jibdew il-proċedura ta' riammissjoni.	1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli, l-awtoritajiet kompetenti, fejn ***rilevanti u meħtieġ***, għandhom jibdew il-proċedura ta' riammissjoni ***bl-għan li jimplimentaw deċiżjoni ta' ritorn***.

Or. en

Emenda 2120
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-	***imħassar***

riammissjoni. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni għandha tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom jiġu ppreżentati mingħajr dewmien u fejn ikun possibbli bl-użu ta' formola standard skont il-paragrafu 6.

Or. en

Emenda 2121
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-riammissjoni***. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni għandha tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta'*** dokument tal-ivvjaġġar. ***L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom jiġu ppreżentati mingħajr dewmien u fejn ikun possibbli bl-użu ta' formola standard skont il-paragrafu 6.***	2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-riammissjoni***, inklużi l-elementi meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità, in-nazzjonalità jew biex jinkiseb*** dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 2122
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-riammissjoni. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni ***għandha*** tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom jiġu ppreżentati ***mingħajr dewmien*** u fejn ikun possibbli bl-użu ta' formola standard skont il-paragrafu 6.	2. ***Il-proċedura ta' riammissjoni tista' tinvolvi talba għal dokument tal-ivvjaġġar.*** Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-riammissjoni. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni ***tista'*** tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom jiġu ppreżentati ***f'konformità mal-iskedi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1*** u fejn ikun possibbli bl-użu ta' formola standard skont il-paragrafu 6.

Or. en

Emenda 2123
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-riammissjoni. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni għandha tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom ***jiġu ppreżentati mingħajr dewmien u*** fejn ikun possibbli ***bl-użu ta'*** formola standard skont il-paragrafu 6.	2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar-riammissjoni. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni għandha tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom fejn ikun possibbli ***jużaw*** formola standard skont il-paragrafu 6.

Or. en

Emenda 2124
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali, inkluż minħabba d-durata tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jinħareġ u n-nuqqas ta' disponibbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirċievi d-dokument tal-ivvjaġġar immedjatament wara l-konferma tan-nazzjonalità.*** Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29].	3. Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29].
[29] Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).	29 Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).

Or. en

Emenda 2125
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali***, inkluż minħabba d-durata tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jinħareġ u n-nuqqas ta' disponibbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirċievi d-dokument tal-ivvjaġġar immedjatament wara l-konferma tan-nazzjonalità***. Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29].	3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali. Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29].
29 Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).	29 Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).
	Or. en

Emenda 2126
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali, inkluż minħabba d-durata tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jinħareġ u n-nuqqas ta' disponibbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirċievi d-dokument tal-ivvjaġġar	3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali, inkluż minħabba d-durata tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jinħareġ u n-nuqqas ta' disponibbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirċievi d-dokument tal-ivvjaġġar

immedjatament wara l-konferma tan-nazzjonalità***. Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[29]***.	immedjatament wara l-konferma tan-nazzjonalità ***jew sitwazzjonijiet ta' apolidija***.

[29] Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).

Or. en

Emenda 2127
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub għandha tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità kompetenti kkonċernata. Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2128
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub għandha tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità kompetenti kkonċernata. Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2129
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub għandha tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità kompetenti kkonċernata.*** Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba.	4. Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hija prevista l-ebda reviżjoni tar-Regolamenti li jirregolaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen bħala parti minn din il-proposta. Obbligi ġodda fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ikunu jeħtieġu reviżjoni ta' dawk ir-regolamenti.

Emenda 2130
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub għandha ***tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità kompetenti kkonċernata***. ***Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar għandhom ikunu*** disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba.	4. L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub għandha ***tkun*** disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba ***permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen***.

Or. en

Emenda 2131
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2132
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2133
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskop ta' dan il-paragrafu mhuwiex ċar. L-Istati Membri għandhom obbligi relatati mal-identifikazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament dwar l-Iskrinjar u dan ir-Regolament. Mhuwiex ċar fejn tidħol l-intervista msemmija f'dan il-paragrafu fir-rigward tal-obbligi legali tal-Istati Membri.

Emenda 2134
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2135
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44.	5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44. ***Dawn għandhom joqogħdu lura milli jikkooperaw ma' talbiet minn pajjiżi terzi li jistgħu jipperikolaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew jaffettwaw id-drittijiet tiegħu jew dawk tal-membri tal-familja tiegħu wara r-riammissjoni.***

Or. en

Emenda 2136
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Frontex tista' tappoġġa lill-Istati Membri fil-proċess ta' riammissjoni, inkluż permezz ta' assistenza fl-identifikazzjoni, networks ta' uffiċjali ta' kollegament, u koordinazzjoni mal-

	awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-mandat tagħha.

Or. en

Emenda 2137
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49(2) sabiex tiddetermina l-formola standard li għandha tintuża biex jiġu ppreżentati (check t/out) l-applikazzjonijiet tar-riammissjoni (check t/out) msemmija fil-paragrafu 2. Din il-formola standard għandha tistabbilixxi:	***imħassar***
a. il-format għall-applikazzjonijiet tar-riammissjoni;	
b. l-elementi ta' applikazzjoni tar-riammissjoni inkluża t-talba għal konferma tan-nazzjonalità u t-talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar.	

Or. en

Emenda 2138
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49(2) sabiex tiddetermina l-formola standard li	***imħassar***

għandha tintuża biex jiġu ppreżentati (check t/out) l-applikazzjonijiet tar-riammissjoni (check t/out) msemmija fil-paragrafu 2. Din il-formola standard għandha tistabbilixxi:

a. il-format għall-applikazzjonijiet tar-riammissjoni;

b. l-elementi ta' applikazzjoni tar-riammissjoni inkluża t-talba għal konferma tan-nazzjonalità u t-talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 2139
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha tkun appoġġata minn uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2140
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha tkun appoġġata minn uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2141
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha tkun appoġġata minn uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2142
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha tkun appoġġata minn uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni	***imħassar***

għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2143
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Għall-monitoraġġ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi, kull 12-il xahar il-Kummissjoni tista' titlob li d-data li ġejja tiġi kkomunikata lill-Frontex, fir-rigward ta' pajjiżi terzi rilevanti:
	a) l-għadd ta' talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità u l-għadd ta' tweġibiet pożittivi u negattivi riċevuti rigward it-talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità; l-għadd ta' talbiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz u l-għadd ta' tweġibiet negattivi rigward it-talba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar;
	b) l-għadd ta' talbiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz u l-għadd ta' tweġibiet negattivi rigward it-talba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 2144
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Fejn Stat Membru jsib li pajjiż terz ma jikkooperax biżżejjed fil-proċedura ta' riammissjoni, dan għandu jinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni biex jiġu sanzjonati pajjiżi terzi li ma jikkooperawx.
	Dan jista' jinkludi wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:
	a) it-tneħħija tal-ivvjaġġar mingħajr viża, żminijiet itwal ta' pproċessar jew tariffi ogħla tal-viża;
	b) is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-għajnuna għall-iżvilupp;
	c) is-sospensjoni jew it-tneħħija tal-għajnuna umanitarja;
	d) is-sospensjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles jew l-introduzzjoni temporanja ta' tariffi.

Or. en

Emenda 2145
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni, il-Kummissjoni tista', kull 12-il xahar, titlob lill-Istati Membri jikkomunikaw lill-Frontex id-data meħtieġa għal tali monitoraġġ fir-rigward

ta' pajjiżi terzi rilevanti:

a) l-għadd ta' talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità u l-għadd ta' tweġibiet pożittivi u negattivi riċevuti rigward it-talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità;

b) l-għadd ta' talbiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz u l-għadd ta' tweġibiet negattivi rigward it-talba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.

Or. en

Emenda 2146
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Jekk talba ta' riammissjoni tiġi miċħuda formalment mill-pajjiż ta' oriġini jew jekk l-Istat Membru emittenti ma jirċevix tweġiba fi żmien 12-il xahar, dak l-Istat Membru għandu jikkunsidra soluzzjoni alternattiva biex jirregolarizza s-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz affettwat f'konformità mal-Artikolu 7(1a) ġdid.

Or. en

Emenda 2147
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Meta t-talba għal riammissjoni tiġi miċħuda formalment jew ma tirċevix

tweġiba fi żmien 6 xhur, għandu jingħata permess ta' residenza skont il-paragrafu 7 tal-Artikolu 7.

Or. en

Emenda 2148
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Il-Frontex għandha tagħti lill-Kummissjoni aċċess għad-data kkomunikata skont il-paragrafu 1. Id-data msemmija fil-punti (a) u (b), diżaggregata skont l-Istat Membru, tista' tiġi kkomunikata lill-pajjiżi terzi kkonċernati għall-fini tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-obbligi ta' riammissjoni tagħhom, u l-konformità magħhom, inkluż fil-qafas tal-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jippreżentaw data li mhijiex disponibbli għalihom.

Or. en

Emenda 2149
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Il-Frontex għandha tagħti lill-Kummissjoni aċċess għad-data msemmija f'dan il-paragrafu. Id-data msemmija fl-ittri a) u b), diżaggregata skont l-Istat Membru, tista' tiġi kkomunikata lil pajjiżi terzi għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-

implimentazzjoni tal-obbligi ta' riammissjoni, u l-konformità magħhom, inkluż fil-qafas tal-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2150
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. L-Istati Membri mhumiex obbligati jippreżentaw id-data mitluba, meta din ma tkunx disponibbli.

Or. en

Emenda 2151
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 37	***imħassar***
Komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti	
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.	
2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati.	

Or. en

Emenda 2152
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 37	***imħassar***
Komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti	
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.	
2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati.	

Or. en

Emenda 2153
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 37	***imħassar***
Komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti	
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar	

tal-proċedura ta' riammissjoni.

2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan it-test huwa vag wisq u jfittex li jipprovdi forma ta' rikonoxximent diplomatiku sussidjarju biss għall-finijiet tal-politika dwar il-migrazzjoni.

Emenda 2154
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 37	***imħassar***
Komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti	
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.	
2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati.	

Or. en

Emenda 2155
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' ***entitajiet*** ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli ***għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni***.	1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' ***interlokaturi*** ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli ***għar-ritorn u r-riammissjoni bl-għan li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi rritornat lejn pajjiż tar-ritorn barra mit-territorju tal-Istat Membru***.

Or. en

Emenda 2156
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' ***entitajiet*** ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.	1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ ***u f'kapaċità strettament operazzjonali***, ma' ***rappreżentanti*** ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 2157
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ	2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ

għat-twettiq ***tal-proċedura ta' riammissjoni*** u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku ***tal-entitajiet ikkonċernati***.

għat-twettiq ***tar-ritorn u r-riammissjoni*** u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku ***tal-interlokuturi kkonċernati***.

Or. en

Emenda 2158
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kwalunkwe komunikazzjoni skont dan l-Artikolu għandha tinftiehem bħala strettament mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-istatus tat-territorji jew l-entitajiet ikkonċernati, u ma għandhiex titqies bħala rikonoxximent, appoġġ jew approvazzjoni tal-awtorità jew il-leġittimità tagħhom.

Or. en

Emenda 2159
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Ana Miguel Pedro, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 37a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 37a
	Dimensjoni esterna u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi
	1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dimensjoni esterna tal-politika tar-ritorn tifforma parti integrali mill-approċċ komprensiv għall-ġestjoni

	tal-migrazzjoni.
	2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom isegwu sħubijiet bilanċjati u komprensivi ma' pajjiżi terzi, filwaqt li jagħmlu r-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni komponenti ewlenin tal-impenn tagħhom.
	3. L-użu kkoordinat tal-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-Unjoni, inklużi l-politika dwar il-viża, il-kummerċ, l-iżvilupp u l-istrumenti diplomatiċi, għandu jkun direttament kundizzjonali għal-livell ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni, sabiex jappoġġaw proċeduri prevedibbli u effettivi ma' pajjiżi terzi.
	4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar l-implimentazzjoni tas-sħubijiet tagħhom, l-isfidi li jiltaqgħu magħhom u l-livell ta' kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi kkonċernati, sabiex jappoġġaw approċċ ikkoordinat tal-Unjoni.
	5. Fejn jiġi identifikat nuqqas ta' kooperazzjoni persistenti jew mhux ġustifikat minn pajjiż terz, l-Unjoni għandha tieħu miżuri xierqa, inkluż l-użu ta' għodod ta' politika restrittivi, biex tiżgura li terġa' tiġi stabbilita kooperazzjoni effettiva u sostnuta dwar ir-riammissjoni.
	Or. en

Emenda 2160
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Kapitolu VII

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
VII [...]	***imħassar***
	Or. en

Emenda 2161
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2162
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin***, fuq talba,*** informazzjoni rigward persuna fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn***, il-proċedura ta' riammissjoni*** u l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.	3. L-Istati Membri għandhom***, fuq talba,*** jikkomunikaw lil xulxin informazzjoni ***disponibbli*** rigward persuna fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn u l-għoti ta' assistenza ***għar-ritorn u*** għar-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 2163
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun tista' tiġi skambjata permezz tas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-UE msemmija fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] jew	***imħassar***

permezz ta' informazzjoni supplimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860, din l-informazzjoni għandha tiġi skambjata biss permezz ta' dawk il-mezzi.

---

[30] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

Or. en

Emenda 2164
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun tista' tiġi skambjata permezz tas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-UE msemmija fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[30]*** jew permezz ta' informazzjoni supplimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860, din l-informazzjoni għandha tiġi skambjata biss permezz ta' dawk il-mezzi.	4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun tista' tiġi skambjata permezz tas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-UE msemmija fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1]*** jew permezz ta' informazzjoni supplimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860, din l-informazzjoni għandha***, bħala regola ġenerali,*** tiġi skambjata biss permezz ta' dawk il-mezzi.

---

[30] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-

kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

Or. en

Emenda 2165
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Id-data mitluba*** għandha ***tkun adegwata, rilevanti, preċiża, limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-fini intenzjonata u għandha tistabbilixxi*** r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.	5. ***It-talba għal informazzjoni*** għandha ***tinkludi*** r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

Or. en

Emenda 2166
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data mitluba għandha tkun adegwata***, rilevanti, preċiża,*** limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-fini intenzjonata u għandha tistabbilixxi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.	5. Id-data mitluba għandha tkun adegwata ***u*** limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-fini intenzjonata u ***t-talba*** għandha tistabbilixxi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa diffiċli li jinftiftem kif talba għal data tista' tkun adegwata u preċiża.

Emenda 2167
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ***għandha*** tinkludi b'mod partikolari:	6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ***tista'*** tinkludi b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 2168
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ***għandha*** tinkludi b'mod partikolari:	6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ***tista'*** tinkludi b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 2169
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ***għandha*** tinkludi ***b'mod partikolari***:	6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ***tista'*** tinkludi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li din hija talba għal data, ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu dwar x'għandu jintalab.

Emenda 2170
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***u, fejn applikabbli, l-identità tal-membri tal-familja tiegħu, qraba u kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja, b'mod partikolari l-kunjom(ijiet)***; ***l-isem/ismijiet; fejn xieraq, l-isem/ismijiet preċedenti u l-isem/ismijiet ieħor/oħrajn (psewdonimu/i); id-data, il-post u l-pajjiż tat-twelid; is-sess;***	a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2171
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, l-identità tal-membri tal-familja tiegħu, qraba u kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja***, b'mod partikolari l-kunjom(ijiet)***; ***l-isem/ismijiet; fejn xieraq, l-isem/ismijiet preċedenti u l-isem/ismijiet ieħor/oħrajn (psewdonimu/i); id-data, il-post u l-pajjiż tat-twelid; is-sess;***	a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, l-identità tal-membri tal-familja tiegħu, qraba u kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja;

Or. en

Emenda 2172
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358, ***b'mod partikolari l-immaġni(jiet) tal-wiċċ; id-data dattiloskopika; id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika; in-numru ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;***	b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358,

Or. en

Emenda 2173
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358***, b'mod partikolari l-immaġni(jiet) tal-wiċċ**; ***id-data dattiloskopika; id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika; in-numru ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;***	b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358;

Or. en

Emenda 2174
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358, b'mod partikolari*** l-immaġni***(jiet)*** tal-wiċċ***; id-data dattiloskopika;*** id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika***; in-numru*** ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;	b. L-immaġni tal-wiċċ***, id-data tal-marka tas-swaba',*** id-data li fiha tkun ittieħdet ***din*** id-data bijometrika ***u n-numru*** ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-opinjoni tal-EDPS, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar il-limitazzjonijiet fuq id-data sensittiva li tista' tinqasam bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament Eurodac jirreferi għad-data tal-marka tas-swaba' u mhux għad-data dattiloskopika.

Emenda 2175
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358, ***b'mod partikolari*** l-immaġni(jiet) tal-wiċċ***; id-data dattiloskopika***; id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika; in-numru ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;	b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358, ***jiġifieri*** l-immaġni(jiet) tal-wiċċ ***u d-data tal-marka tas-swaba';*** id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika; in-numru ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

Or. en

Emenda 2176
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u ***d-dokument(i)*** tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ***b'mod partikolari n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet attwali u n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet preċedenti; it-tip, l-għadd u l-pajjiż tal-ħruġ (tad-dokument/i tal-ivvjaġġar; id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tad-dokument/i tal-ivvjaġġar;***	c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u ***kwanunkwe dokument*** tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz,

Or. en

Emenda 2177
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u d-dokument(i) tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet attwali u n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet preċedenti***; ***it-tip, l-għadd u l-pajjiż tal-ħruġ (tad-dokument/i tal-ivvjaġġar; id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tad-dokument/i tal-ivvjaġġar;***	c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u d-dokument(i) tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2178
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. informazzjoni dwar ***id-dokumenti*** ta' residenza jew ***l-viżi*** maħruġa minn Stat Membru jew pajjiż terz;	e. informazzjoni dwar ***kwalunkwe status ta' residenza jew awtorizzazzjoni li toffri dritt ta' soġġorn, inkluż dokumenti*** ta' residenza jew ***viżi kif ukoll kwalunkwe applikazzjoni jew estensjoni tagħha,*** maħruġa minn Stat Membru jew pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2179
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari dwar id-dettalji tat-titjira***; ***arranġamenti oħra tal-ivvjaġġar; indikazzjoni ta' jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex persuna partikolarment perikoluża li teħtieġ arranġamenti speċifiċi matul l-operazzjoni ta' ritorn; informazzjoni relatata mal-iskorta;***	f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2180
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari dwar id-dettalji tat-titjira***; ***arranġamenti oħra tal-ivvjaġġar; indikazzjoni ta' jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex persuna partikolarment perikoluża li teħtieġ arranġamenti speċifiċi matul l-operazzjoni ta' ritorn; informazzjoni relatata mal-iskorta;***	f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2181
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż tar-ritorn, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi***;	g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2182
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz***, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż tar-ritorn, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell***	g. informazzjoni relatata ***mar-ritorn u*** mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

tal-edukazzjoni, id-diplomi;

Or. en

Emenda 2183
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż ***tar-ritorn***, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi;	g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż ***tat-trasferiment***, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi;

Or. en

Emenda 2184
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g. informazzjoni relatata ***mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż tar-ritorn, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi;	g. informazzjoni relatata ***maċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż tar-ritorn, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi;

Or. en

Emenda 2185

François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h. ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn meħuda fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;	h. ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn***, ordni ta' tneħħija, u/jew projbizzjoni fuq id-dħul*** meħuda fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2186
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ha. informazzjoni dwar il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz mal-obbligi skont l-Artikoli 21 u 23;

Or. en

Emenda 2187
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
j. informazzjoni relatata mar-rekords kriminali jew relatata ***mat-theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali*** ppreżentata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz;	j. informazzjoni relatata mar-rekords kriminali jew relatata ***ma' theddida għas-sigurtà interna*** ppreżentata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2188
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ka. informazzjoni dwar il-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 2189
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istat Membru mitlub għandu jkun obbligat li jwieġeb malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ***3 ġimgħat***.	7. L-Istat Membru mitlub għandu jkun obbligat li jwieġeb malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ***ġimagħtejn***.

Or. en

Emenda 2190
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istat Membru mitlub għandu jkun obbligat li jwieġeb malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ***3 ġimgħat***.	7. L-Istat Membru mitlub għandu jkun obbligat li jwieġeb malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ***ġimagħtejn***.

Or. en

Emenda 2191
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Nuqqas ta' tweġiba, tweġiba mhux kompluta jew tweġiba mdewma minn Stat Membru għal talba magħmula skont dan l-Artikolu ma għandhiex tipprevjeni jew tittardja l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija mibdija minn Stat Membru ieħor. L-Istat Membru li jagħmel it-talba jista' jipproċedi abbażi tal-informazzjoni diġà disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 2192
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. F'kull Stat Membru, din l-informazzjoni tista', skont it-tip tagħha u s-setgħat tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji fdati bil-proċedura ta' ritorn***,*** il-proċedura ta' riammissjoni ***jew l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni***.	8. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. F'kull Stat Membru, din l-informazzjoni tista', skont it-tip tagħha u s-setgħat tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji fdati bil-proċedura ta' ritorn ***jew*** il-proċedura ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 2193
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. L-Istati Membri għandhom, fuq talba, jittrasferixxu lil xulxin id-dokumenti tal-ivvjaġġar oriġinali ta' ċittadin ta' pajjiż terz, fejn id-dokument tal-ivvjaġġar ikun meħtieġ biex jiġi żgurat ir-ritorn.

Or. en

Emenda 2194
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 39	***imħassar***
Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni	
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni.	
2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6),	

il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur.

Or. en

Emenda 2195
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 39	***imħassar***
Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi	

għall-finijiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni.

2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti

tal-pajjiż terz riċevitur.

Or. en

Emenda 2196
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni	Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' ***ritorn, tneħħija,*** riammissjoni u riintegrazzjoni

Or. en

Emenda 2197
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni ***u riintegrazzjoni***	Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni

Or. en

Emenda 2198
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' ***ritorn, tneħħija jew*** riammissjoni.

Or. en

Emenda 2199
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ***meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz dment li*** dan ikun meħtieġ għall-finijiet ***tat-twettiq tal-proċedura*** ta' riammissjoni.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) ***u (j),*** tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ***jew lill-partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni jew kompiti oħra relatati mal-implimentazzjoni tar-ritorn, bħal linji tal-ajru jew fornituri mediċi, u fejn*** dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' ***ritorn,*** riammissjoni***, u riintegrazzjoni***.

Or. en

Emenda 2200
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2201
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2202
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ***ġie infurmat li d-data*** personali tiegħu ***tista'*** tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.	2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ***ta l-kunsens tiegħu sabiex id-data*** personali tiegħu tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li dan il-paragrafu jindirizza l-assistenza għar-riintegrazzjoni, il-persuna ripatrijata għandha tintalab il-kunsens tagħha qabel ma tiġi kondiviża tali data personali.

Emenda 2203
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-	4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-

Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur.	Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur. ***Din id-dokumentazzjoni għandha tkun limitata għal informazzjoni strettament meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-bażi legali għat-trasferiment u ma għandhiex tinvolvi xi obbligu addizzjonali ta' rapportar għall-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 2204
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 ***jew 2***, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur.	4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur.

Or. en

Emenda 2205
Cecilia Strada, Marco Tarquinio, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Jekk it-trasferiment tad-data skont il-paragrafi 1 u 2 x'aktarx jipperikola s-sigurtà jew il-ħajja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, it-trasferiment lejn dak il-pajjiż terz ma għandux ikun permess.

Or. en

Emenda 2206
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2207
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2208
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata	Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata

ma’ kundanni kriminali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ riammissjoni ***u riintegrazzjoni***	ma’ kundanni kriminali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet ta’ riammissjoni

Or. en

Emenda 2209
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-data relatata ma’ kundanna kriminali waħda jew aktar ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz tista’ tiġi pproċessata u ttrasferita f’każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lil awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Id-data relatata ma’ kundanna kriminali waħda jew aktar ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz tista’ tiġi pproċessata u ttrasferita f’każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lil awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz ***jew lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni jew kompiti oħra relatati mal-implimentazzjoni tar-ritorn*** meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 2210
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b’reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta’ kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] jekk ikun punibbli b’sentenza ta’ kustodja jew	a. iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b’reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta’ kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] jekk ikun punibbli b’sentenza ta’ kustodja jew

ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas ***3 snin*** skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;	ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas ***sena*** skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;
[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).	[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).

Or. en

Emenda 2211
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat ***fil-25*** sena preċedenti b’reat terroristiku jew ***fil-15-il sena*** preċedenti ta’ kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] jekk ***ikun punibbli b’sentenza*** ta’ kustodja jew ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas 3 snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;	a. iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat ***fil-15-il*** sena preċedenti b’reat terroristiku jew ***fl-10 snin*** preċedenti ta’ kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] jekk ***tkun ġiet imposta sentenza*** ta’ kustodja jew ordni ta’ detenzjoni għal perjodu massimu ta’ mill-inqas 3 snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;
[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru	[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru

1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).	1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex proporzjonat li tiġi trasferita data personali ta' persuni ripatrijati li jkunu rċevew sentenzi minuri għal reati potenzjalment serji, mingħajr ebda kunsiderazzjoni tas-sentenza attwalment imposta għar-reat fil-każ partikolari. Ir-reati storiċi jqajmu wkoll kwistjonijiet ta' neċessità u proporzjonalità.

Emenda 2212
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat ***fil-25*** sena preċedenti b'reat terroristiku jew ***fil-15-il*** sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[31]*** ***jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu*** ta' mill-inqas ***3 snin*** skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat ***fil-50*** sena preċedenti b'reat terroristiku jew ***fit-30*** sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1]*** ***jew ikun wettaq reat li għandu piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà*** ta' mill-inqas ***6 xhur*** skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;

[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj

).

Or. en

Emenda 2213
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b'reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[31]*** ***jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu*** ta' mill-inqas ***3 snin*** skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b'reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***jew ikun wettaq reat li għandu piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà*** ta' mill-inqas ***sena*** skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;

[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).

Or. en

Emenda 2214
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni msemmija fl-Artikolu 36;	b. it-trasferiment tad-data jkun ***strettament*** meħtieġ ***u proporzjonat*** għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni msemmija fl-Artikolu 36;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-paragrafu 26 tal-Opinjoni tal-EDPS

Emenda 2215
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet ***tat-twettiq tal-proċedura*** ta' riammissjoni ***msemmija fl-Artikolu 36***;	b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet ta' ***ritorn,*** riammissjoni***, u riintegrazzjoni***;

Or. en

Emenda 2216
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2217
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex, ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2218
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex, ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement;	d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex, ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement ***u li d-data trasferita ma tirriskjax li twassal għall-għoti jew l-eżekuzzjoni tal-piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili jew inuman***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-paragrafu 26 tal-Opinjoni tal-EDPS

Emenda 2219

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex, ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser l-Artikolu 50 tal-Karta.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2220
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data relatata ma' kundanna kriminali waħda jew aktar ta' ċittadin ta' pajjiż terz tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: ***a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b'reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti bi kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 3 snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;*** ***b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46;***	***imħassar***

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni għall-finijiet li tiġi pprovduta assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni;

d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 2221
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data relatata ma' kundanna kriminali waħda jew aktar ta' ċittadin ta' pajjiż terz tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b'reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti bi kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 3 snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;	
b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-	

riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46;

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni għall-finijiet li tiġi pprovduta assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni;

d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 2222
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat ***fil-25*** sena preċedenti b'reat terroristiku jew ***fil-15-il sena*** preċedenti bi kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ***ikun punibbli b'sentenza*** ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 3 snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;	a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat ***fil-15-il*** sena preċedenti b'reat terroristiku jew ***fl-10 snin*** preċedenti bi kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ***tkun ġiet imposta sentenza*** ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 3 snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex proporzjonat li tiġi trasferita data personali ta' persuni ripatrijati li jkunu rċevew sentenzi minuri għal reati potenzjalment serji, mingħajr ebda kunsiderazzjoni tas-sentenza attwalment imposta għar-reat fil-każ partikolari. Ir-reati storiċi jqajmu wkoll kwistjonijiet ta' neċessità u proporzjonalità.

Emenda 2223
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2224
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46;	b. it-trasferiment tad-data jkun ***strettament*** meħtieġ ***u proporzjonat*** għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46;

Or. en

Emenda 2225
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. qabel it-trasferiment, l-awtorità	d. qabel it-trasferiment, l-awtorità

kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.	kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement ***u li d-data trasferita ma tirriskjax li twassal għall-għoti jew l-eżekuzzjoni tal-piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili jew inuman***.

Or. en

Emenda 2226
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.	3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament. ***Fejn it-trasferiment ta' data personali jikkonċerna d-data personali ta' minorenni, l-Istati Membri u, fejn applikabbli, il-Frontex għandhom jistabbilixxu li t-trasferiment tad-data jkun fl-aħjar interessi tat-tfal qabel ma jseħħ tali trasferiment.***

Or. en

Emenda 2227
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 ***jew 2***, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat (u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur, il-ġustifikazzjoni li t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ***jew 2*** u d-data personali ttrasferita.	4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat (u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur, il-ġustifikazzjoni li t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u d-data personali ttrasferita.

Or. en

Emenda 2228
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41	***imħassar***
Trasferiment ta' data dwar is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn pajjiżi terzi għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn u r-riintegrazzjoni	
1. Id-data rigward l-assistenza medika li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-operazzjoni ta' ritorn tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	
a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;	
b. iiċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie	

infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;

c. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

2. Id-data rigward is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 li tkun imfassla għall-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni, sabiex din l-assistenza tiġi imfassla apposta għall-ħtiġijiet mediċi tiegħu, u jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat (u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-

data u l-ħin tat-trasferiment, l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur, il-ġustifikazzjoni li t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2 u d-data personali ttrasferita.

Or. en

Emenda 2229
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41	***imħassar***
Trasferiment ta' data dwar is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn pajjiżi terzi għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn u r-riintegrazzjoni	
1. Id-data rigward l-assistenza medika li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-operazzjoni ta' ritorn tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	
a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;	
b. iiċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;	
c. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-	

refoulement.

2. Id-data rigward is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 li tkun imfassla għall-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni, sabiex din l-assistenza tiġi imfassla apposta għall-ħtiġijiet mediċi tiegħu, u jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat (u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur, il-ġustifikazzjoni li t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2 u d-data personali ttrasferita.

Or. en

Emenda 2230
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-data rigward l-assistenza medika li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-operazzjoni ta' ritorn tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Id-data rigward l-assistenza medika li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-operazzjoni ta' ritorn tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ***jew lill-partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni jew kompiti oħra relatati mal-implimentazzjoni tar-ritorn, bħal forniturи mediċi,*** meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 2231
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;	a. it-trasferiment tad-data jkun ***strettament*** meħtieġ ***u proporzjonat*** għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;

Or. en

Emenda 2232
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iiċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2233
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***iiċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ***ġie infurmat*** li d-data personali tiegħu ***tista'*** tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;	b. ***iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ***ta l-kunsens tiegħu*** li d-data personali tiegħu tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li d-data dwar is-saħħa hija data personali sensittiva, il-persuna ripatrijata għandha tintalab tagħti l-kunsens tagħha qabel ma tali data dwar is-saħħa tiġi kondiviża ma' pajjiż terz.

Emenda 2234
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex	***imħassar***

ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 2235
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data rigward is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	2. Id-data rigward is-saħħa ***u l-ħtiġijiet mediċi*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni ***jew kompiti oħra relatati mal-implimentazzjoni tar-ritorn*** meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 2236
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 li tkun imfassla għall-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2237
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 li tkun imfassla għall-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;	a. it-trasferiment tad-data jkun ***strettament*** meħtieġ ***u proporzjonat*** għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 li tkun imfassla għall-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 2238
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ***ġie infurmat*** li d-data personali tiegħu ***tista'*** tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni, sabiex din l-assistenza tiġi imfassla apposta għall-ħtiġijiet mediċi tiegħu, u jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment.	b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ***ta l-kunsens tiegħu*** li d-data personali tiegħu tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni, sabiex din l-assistenza tiġi imfassla apposta għall-ħtiġijiet mediċi tiegħu, u jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li d-data dwar is-saħħa hija data personali sensittiva, il-persuna ripatrijata għandha tintalab tagħti l-kunsens tagħha qabel ma tali data dwar is-saħħa tiġi kondiviża ma' pajjiż terz.

Emenda 2239

Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 42	***imħassar***
Komponenti ta' sistema komuni għar-ritorni	
1. Sistema komuni għar-ritorni skont dan ir-Regolament għandha tikkonsisti minn:	
a. proċedura komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni, inkluża proċedura komuni għar-riammissjoni bħala parti integrali minnha;	
b. sistema ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;	
c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż għad-detenzjoni;	
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.	
e. kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;	
f. korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni li jappoġġaw skont l-Artikolu 43(4) u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.	
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati	

Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni, filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.

---

[32] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġie amalgamat mal-Artikolu 1. L-effett legali ta' dan l-Artikolu mhuwiex ċar.

Emenda 2240
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sistema komuni għar-ritorni skont ***dan ir-Regolament*** għandha tikkonsisti minn:	1. Sistema komuni għar-ritorni skont ***din id-Direttiva*** għandha tikkonsisti minn:

Or. en

Emenda 2241
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. proċedura komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni***, inkluża proċedura komuni għar-riammissjoni bħala parti integrali minnha***;	a. proċedura komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċeduri ta' riammissjoni mhux dejjem ikunu meħtieġa, meta persuna titlaq mill-UE wara li tkun aċċettat id-deċiżjoni ta' ritorn.

Emenda 2242
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. proċedura ***komuni*** għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn ***fl-Unjoni, inkluża proċedura komuni għar-riammissjoni bħala parti integrali minnha***;	a. proċedura għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn ***fit-territorju tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 2243
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***proċedura*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni***, inkluża proċedura komuni għar-riammissjoni bħala parti integrali minnha***;	a. ***standards u proċeduri*** komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 2244
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. sistema ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2245
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. sistema ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2246
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. sistema ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;	b. sistema ta' rikonoxximent ***volontarju*** u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 9.

Emenda 2247
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. sistema ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 2248
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' ***dan ir-Regolament, inkluż għad-detenzjoni***;	c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' ***din id-Direttiva***;

Or. en

Emenda 2249

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***,*** ***inkluż għad-detenzjoni;***	c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żieda fil-kapaċità ta' detenzjoni mhux bilfors se żżid ir-rati ta' ritorn. Huwa aktar probabbli li se żżid ir-rati ta' detenzjoni. Minbarra li hija idea żbaljata, din tiswa ħafna flus lill-Istati Membri u lill-Unjoni.

Emenda 2250
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2251
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni	***imħassar***

ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 2252
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tagħmel proposta leġiżlattiva għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn. Deċiżjoni dwar dan għandha titħalla f'idejn il-koleġiżlatur għal dik il-biċċa leġiżlazzjoni.

Emenda 2253
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn***, ir-riammissjoni*** u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**.**	d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***;***

Or. en

Emenda 2254
Mary Khan

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn***, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**.**	d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn ***u r-riammissjoni*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***;***

Or. en

Emenda 2255
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2256
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni kif determinat mill-Istat Membru b'kont meħud tal-ħtiġijiet attwali;

Or. en

Emenda 2257
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. ***korpi***, ***uffiċċji*** u ***aġenziji*** tal-Unjoni ***li jappoġġaw*** skont l-Artikolu 43(4) u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.	f. ***appoġġ finanzjarju mill-Unjoni u appoġġ operazzjonali mill-korpi***, ***l-uffiċċji*** u ***l-aġenziji*** tal-Unjoni***, b'mod partikolari l-appoġġ tal-Frontex,*** skont l-Artikolu 43(4) u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.

Or. en

Emenda 2258
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. ***korpi***, ***uffiċċji*** u ***aġenziji*** tal-Unjoni ***li jappoġġaw skont l-Artikolu 43(4) u*** f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.	f. ***appoġġ finanzjarju mill-Unjoni u appoġġ operazzjonali mill-korpi***, ***l-uffiċċji*** u ***l-aġenziji*** tal-Unjoni f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.

Or. en

Emenda 2259
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f. ***korpi***, ***uffiċċji*** u ***aġenziji*** tal-Unjoni ***li jappoġġaw skont l-Artikolu 43(4) u*** f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.	f. ***appoġġ finanzjarju mill-Unjoni u appoġġ operazzjonali mill-korpi***, ***l-uffiċċji*** u ***l-aġenziji*** tal-Unjoni f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.

Or. en

Emenda 2260

Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fa. konformità sħiħa mal-liġi applikabbli tal-Unjoni, inkluża l-Karta, mad-dritt internazzjonali applikabbli, inkluża l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif ikkomplementata mill-Protokoll ta' New York tal-1967, il-Konvenzjoni relatata mal-Istatus ta' Persuni Apolidi tat-28 ta' Settembru 1954, mal-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u mad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv.

Or. en

Emenda 2261
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fa. konformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-Karta, mad-dritt internazzjonali rilevanti, mal-obbligi marbuta mal-aċċess għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, u mad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv;

Or. en

Emenda 2262

Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fa. mekkaniżmi ta' monitoraġġ effettivi u indipendenti.

Or. en

Emenda 2263
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fb. mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv u indipendenti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Emenda 2264
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fb. mekkaniżmi ta' monitoraġġ effettivi u indipendenti.

Or. en

Emenda 2265
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-iżvilupp ta' sistemi diġitali għandu jiddependi, kemm jista' jkun, minn infrastrutturi nazzjonali eżistenti u sistemi interoperabbli tal-Unjoni, u ma għandux joħloq pożijiet addizzjonali ta' rappurtar jew proċedurali għall-Istati Membri.

Or. en

Emenda 2266
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.	***imħassar***

32 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ebda valur miżjud ċar. Ir-referenza għall-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti tissuġġerixxi li din id-dispożizzjoni żżid biss saff addizzjonali ta' burokrazija ma' dawk il-mekkaniżmi.

Emenda 2267
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.	***imħassar***

32 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13

ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Emenda 2268
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.	***imħassar***

32 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Emenda 2269
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam ***tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni***.	2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam ***tar-ritorni***.

32 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Emenda 2270
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam ***tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni***.	2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam ***tar-ritorni***.
[32] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).	

Or. en

Emenda 2271
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn***, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni*** u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-	2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn ***u r-riammissjoni*** u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-

implimentazzjoni tal-proċedura ta’ ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta’ kooperazzjoni ta’ pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f’konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta’ riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.	proċedura ta’ ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta’ kooperazzjoni ta’ pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f’konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u l-istrumenti ta’ riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.
[32] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).	[32] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Or. en

Emenda 2272
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni, filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2273
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni, filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2274
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni***, *filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni*** .	3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni.

Or. en

Emenda 2275
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, ***kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni,*** filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.	3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni. ***Tali kooperazzjoni u koordinazzjoni ma għandhomx jaffettwaw il-kompetenza tal-Istati Membri biex jorganizzaw u jimmaniġġjaw operazzjonijiet ta' ritorn.***

Or. en

Emenda 2276
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta Stat Membru jiltaqa' ma' diffikultajiet ma' pajjiż terz fir-ritorn taċ-ċittadini tiegħu li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn jew fil-kuntest ta' ritorn volontarju, l-Istati Membri l-oħra u l-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom juru solidarjetà lejn l-Istat Membru kkonċernat; l-Unjoni, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, tista' tadotta l-miżuri ta' koerċizzjoni kontra l-pajjiż terz li jirrifjuta li jikkoopera, bħal miżuri ta' ritorsjoni diplomatika, restrizzjonijiet tal-viża, limitazzjonijiet fil-kooperazzjoni ekonomika u l-għajnuna għall-iżvilupp jew f'oqsma oħra, sabiex tiġi ggarantita l-konformità mal-obbligi tar-ritorn.

Or. fr

Emenda 2277
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja, f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw skont ***dan ir-Regolament***.	1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja, f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw skont ***din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 2278
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq li jkun irċieva gwida biex jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2279
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq li jkun irċieva gwida biex jissodisfa	2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq li jkun irċieva gwida biex jissodisfa

l-obbligi tiegħu stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.	l-obbligi tiegħu ***tad-drittijiet fundamentali*** stabbiliti ***f'din id-Direttiva kif ukoll fi strumenti Ewropej u internazzjonali oħra***.

Or. en

Emenda 2280
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq ***li jkun irċieva gwida biex jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament***.	2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi ***li jqis*** meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq.

Or. en

Emenda 2281
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żieda fil-kapaċità ta' detenzjoni mhux bilfors se żżid ir-rati ta' ritorn. Huwa aktar probabbli li se żżid ir-rati ta' detenzjoni. Minbarra li hija idea żbaljata, din tiswa ħafna flus lill-Istati Membri u lill-Unjoni.

Emenda 2282
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2283
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2284
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni ***amministrattiva*** filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.

Or. en

Emenda 2285
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 44 u l-persunal rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni, inkluż f'konformità mal-Artikolu 45.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2286
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jiġu	***imħassar***

appoġġati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 44 u l-persunal rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni, inkluż f'konformità mal-Artikolu 45.

Or. en

Emenda 2287
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati ***mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 44 u l-persunal*** rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni***, inkluż f'konformità mal-Artikolu 45***.	4. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati ***mill-persunal*** rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2288
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 44 u l-persunal rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni, inkluż f'konformità ***mal-Artikolu 45***.	4. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 44 u l-persunal rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni, inkluż f'konformità ***mal-mandati ta' dawk l-Aġenziji***.

Or. en

Emenda 2289
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Minbarra l-allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'kull sena kalendarja, mill-inqas 80 % taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli jiġu ritornati b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 2290
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'kull sena kalendarja, mill-inqas 95 % taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli jiġu ritornati b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 2291
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4b. Meta Stat Membru jonqos milli jilħaq il-mira stabbilita fil-paragrafu 4a, għandu, mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-tmiem tas-sena kalendarja rilevanti, jinnotifika lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni Ewropea, u għandu jagħmel in-notifika disponibbli għall-pubbliku. In-notifika għandha tinkludi analiżi dettaljata tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, inklużi kwalunkwe sfidi relatati mal-kooperazzjoni minn pajjiżi terzi, u pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-miżuri li l-Istat Membru biħsiebu jieħu biex jirranġa s-sitwazzjoni.

Or. en

Emenda 2292
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Meta Stat Membru jonqos milli jilħaq il-mira stabbilita fil-paragrafu 4a, għandu, mhux aktar tard minn 3 xhur wara t-tmiem tas-sena kalendarja rilevanti, jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Kunsill. In-notifika għandha tinkludi analiżi dettaljata tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, inklużi kwalunkwe sfidi relatati mal-kooperazzjoni minn pajjiżi terzi, u pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-miżuri li l-Istat Membru biħsiebu jieħu biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 2293
Marieke Ehlers

f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Abbażi tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4b, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda miżuri speċifiċi biex tassisti lill-Istat Membru kkonċernat jew tista' tibda azzjonijiet dedikati fil-livell tal-Unjoni biex ittejjeb il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti.

Or. en

Emenda 2294
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 44	***imħassar***
Kooperazzoni bejn l-Istati Membri	
1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 għandhom jitwettqu għall-fini li:	
a. ikun permess li t-tranżitu mit-territorju tagħhom jassisti li deċiżjoni ta' ritorn ta' Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi osservata jew li jinkisbu dokumenti tal-ivvjaġġar;	
b. tingħata assistenza loġistika, finanzjarja jew materjali jew in natura oħra;	
c. jitmexxa jew jiġi appoġġat id-djalogu ta' politika u l-iskambji mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-fini li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;	
d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-	

identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;

e. jiġi organizzat, f'isem l-Istat Membru li qed jaghmel it-talba, l-arranġament prattiku għall-infurzar tar-ritorn;

f. jiġi ffaċilitat it-trasferiment imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (b);

g. jiġi appoġġat it-tluq ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn l-Istat Membru li fih ikollu d-dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 2295
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 44	***imħassar***
Kooperazzoni bejn l-Istati Membri	
1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 għandhom jitwettqu għall-fini li:	
a. ikun permess li t-tranżitu mit-territorju tagħhom jassisti li deċiżjoni ta' ritorn ta' Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi osservata jew li jinkisbu dokumenti tal-ivvjaġġar;	
b. tingħata assistenza loġistika, finanzjarja jew materjali jew in natura oħra;	
c. jitmexxa jew jiġi appoġġat id-djalogu ta' politika u l-iskambji mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-fini li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;	
d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-	

kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;

e. jiġi organizzat, f'isem l-Istat Membru li qed jaghmel it-talba, l-arranġament prattiku għall-infurzar tar-ritorn;

f. jiġi ffaċilitat it-trasferiment imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (b);

g. jiġi appoġġat it-tluq ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn l-Istat Membru li fih ikollu d-dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 2296
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 għandhom jitwettqu għall-fini li:	1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 għandhom***, bħala regola ġenerali,*** jitwettqu għall-fini li:

Or. en

Emenda 2297
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 ***għandhom jitwettqu għall-fini li***:	1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 ***jistgħu jikkonsistu f'dan li ġej***:

Or. en

Emenda 2298
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ikun permess li t-tranżitu mit-territorju tagħhom jassisti li deċiżjoni ta' ritorn ta' Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi osservata jew ***li jinkisbu*** dokumenti tal-ivvjaġġar;	a. ikun permess li t-tranżitu mit-territorju tagħhom jassisti li deċiżjoni ta' ritorn ta' Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi osservata jew ***għall-fini ta' proċeduri ta' identifikazzjoni jew għall-ksib ta'*** dokumenti tal-ivvjaġġar;

Or. en

Emenda 2299
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. tingħata assistenza loġistika***,*** ***finanzjarja*** jew materjali jew in natura oħra;	b. tingħata assistenza loġistika jew materjali jew in natura oħra ***b'rabta mat-tranżitu mit-territorju tagħhom skont (a)***;

Or. en

Emenda 2300
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. jiġi ffaċilitat it-trasferiment imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (b);

Or. en

Emenda 2301
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	bb. jiġi appoġġat ir-ritorn jew it-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn l-Istat Membru li fih ikollu d-dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu, inkluż l-użu tad-detenzjoni.

Or. en

Emenda 2302
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;	d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu ***fejn dan ma jkunx possibbli mill-Istat Membru li jinfurza l-liġi, wara li jivvaluta bir-reqqa li dan mhux se jipperikola l-benesseri tiegħu***;

Or. en

Emenda 2303
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

f. jiġi ffaċilitat it-trasferiment imħassar imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (b);

Or. en

Emenda 2304
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ga. f'każijiet ta' rikonoxximent reċiproku, jiġi żgurat li l-persuna ripatrijata tkun tista' teżerċita bis-sħiħ id-dritt tagħha għal rimedju effettiv fiż-żewġ Stati Membri.

Or. en

Emenda 2305
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 jistgħu jseħħu, inkluż għall-fini li:
	a. jitmexxa jew jiġi appoġġat id-djalogu ta' politika u l-iskambji mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-fini li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;
	b. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;

c. jiġu organizzati, f'isem il-Membru rikjedenti

Or. en

Emenda 2306
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-assistenza bit-tranżitu u l-faċilitazzjoni tat-tranżitu jenħtieġ li jingħataw biss jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx jista' jirritorna b'titjira diretta mit-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ jew infurza d-deċiżjoni ta' ritorn jew l-ordni ta' tneħħija.

Or. en

Emenda 2307
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 44a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 44a
	Obbligi għall-Istati Membri
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw sistemi ta' ritorn dinjitużi, sikuri u sostenibbli li jiffunzjonaw sew, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u kif stabbilit minn dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, għandhom jallokaw riżorsi, infrastruttura u kapaċitajiet amministrattivi suffiċjenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u għandhom jikkooperaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu

21(-1)(ġdid).

2. L-Istati Membri għandhom joħorġu rapport annwali lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-funzjonament tal-qafas nazzjonali ta' ritorn tagħhom, inkluż mill-inqas:

a) ir-riżorsi, l-infrastruttura u l-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

b) l-għadd ta' proċeduri ta' ritorn li għaddejjin;

c) il-perjodu medju ta' deċiżjoni għad-deċiżjonijiet ta' ritorn;

d) l-ammont ta' talbiet ta' riammissjoni magħmula lil pajjiżi terzi fir-rigward tal-ammont ta' deċiżjonijiet ta' ritorn meħuda, inkluża analiżi tar-raġunijiet għaliex it-talbiet ta' riammissjoni ma nħarġux;

e) id-durata medja ta' detenzjoni għall-fini li jitwettaq ir-ritorn;

f) it-tipi ta' alternattivi għad-detenzjoni applikati.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja u tanalizza l-funzjonament tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tar-rapporti maħruġa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 2 kif ukoll sorsi oħra disponibbli, inklużi rapporti minn Aġenziji u korpi rilevanti tal-Unjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi. Għandha toħroġ analiżi annwali dettaljata b'rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u għandha tippubblika rapport sommarju ta' tali analiżi u l-konklużjoni tagħha.

4. Jekk il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi tagħha skont il-paragrafu 3, tikkonkludi li l-funzjonament tas-sistema komuni għar-ritorni huwa sistematikament ostakolat għal raġunijiet li mhumiex lil hinn mill-kontroll ta' Stat Membru wieħed jew aktar, din għandha toħroġ

rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru jew l-Istati Membri affettwati u għandha tiddetermina miżuri ta' segwitu xierqa inkluż, fejn xieraq, il-bidu ta' proċedimenti ta' ksur.

Or. en

Emenda 2308
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 45	***imħassar***
Appoġġ mill-Frontex	
1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti sallokati jew appoġġati mill-Frontex, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.	
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.	

Or. en

Emenda 2309
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 45	***imħassar***
Appoġġ mill-Frontex	
1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti sallokati jew appoġġati mill-Frontex, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.	
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.	

Or. en

Emenda 2310
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti ***sallokati*** jew appoġġati mill-Frontex, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.	1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti ***allokati*** jew appoġġati mill-Frontex, inklużi ***l-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali tal-Frontex, l-Osservaturi tad-Drittijiet Fundamentali tal-Frontex,*** uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-persunal kollu tal-Frontex għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri meta jitolbu skjerament jew appoġġ mill-Frontex.

Emenda 2311
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti ***sallokati*** jew appoġġati mill-Frontex***, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra,*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.	1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti ***allokati*** jew appoġġati mill-Frontex f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Emenda 2312
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità ***mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament*** (UE) ***2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009***.	2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) ***2019/1896***.

Or. en

Emenda 2313
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità ***mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament*** (UE) ***2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009***.	2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) ***2019/1896***.

Or. en

Emenda 2314
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn***, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni***, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.	2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn ***u r-riammissjoni***, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

Or. en

Emenda 2315
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 46	***imħassar***
Appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni	
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-	

riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tiġi pprovduta wkoll qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.

5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha tirrifletti l-livell ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u tista' tonqos matul iż-żmien. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:

a. il-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat matul il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni, kif prevista fl-Artikolu 21;

b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament, jew ikunx

soġġett għal tneħħija;

c. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex ċittadin ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1806;

d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali;

e. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux ħtiġijiet speċifiċi minħabba li jkun persuna vulnerabbli, minorenni, minorenni mhux akkumpanjat jew parti minn familja.

6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 2316
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għar-ritorn ***u r-riintegrazzjoni***	Appoġġ għar-ritorn

Or. en

Emenda 2317
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.

imħassar

Or. en

Emenda 2318
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn ***u r-riintegrazzjoni*** biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar ***l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn***. ***Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.***	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar ***ir-ritorn tagħhom***.

Or. en

Emenda 2319
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. ***Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.***	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni ***indipendenti u imparzjali*** biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn.

Or. en

Emenda 2320
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni ***indipendenti u imparzjali*** biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.

Or. en

Emenda 2321
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu strutturi*** ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.	1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw id-disponibbiltà*** ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu***, fejn rilevanti,*** liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.

Or. en

Emenda 2322
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.

Or. fr

Emenda 2323
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tiġi pprovduta wkoll qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2324
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tiġi pprovduta wkoll qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2325
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni ***tiġi pprovduta wkoll*** qabel	2. L-Istati Membri ***jistgħu jipprovdu*** l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni qabel ma tinħareġ id-

ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn***, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348***.	deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 2326
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni ***tiġi pprovduta wkoll*** qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn***, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348***.	2. L-Istati Membri ***jistgħu jipprovdu*** l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 2327
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li*** l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni ***tiġi pprovduta wkoll*** qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.	2. L-Istati Membri ***jistgħu jipprovdu*** l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ma għandux jingħata bħala regola ġenerali, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu b'mod irregolari huma obbligati li jkopru l-kostijiet tar-ritorn tagħhom stess, bl-assistenza tingħata biss fejn ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-assistenza għar-ritorn volontarju, u b'mod partikolari l-appoġġ għar-riintegrazzjoni, jistgħu joħolqu fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari.

Emenda 2328
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jacek Ozdoba, Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni ***u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz***.	3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni ***appoġġati jew iffinanzjati fil-livell tal-Unjoni jew dak nazzjonali***.

Or. en

Emenda 2329
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn ***u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali,*** jagħmlu użu mill-programmi pprovduti	3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn ***u jistgħu*** jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza

mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza ***għar-riintegrazzjoni*** pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi***,*** ***finanzjarji*** u materjali jew in natura oħra, ***inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn,*** mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi u materjali jew in natura oħra, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2330
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu*** programmi ***nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn*** u r-riintegrazzjoni ***u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni.*** Il-programmi ***nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni*** għandhom ***jikkonsistu f'assistenza*** jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji ***u*** materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw id-disponibbiltà ta'*** programmi ***għar-ritorn*** u r-riintegrazzjoni ***appoġġati jew iffinanzjati fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni. Dawn*** il-programmi għandhom ***jinkludu assistenza*** jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji***, jew*** materjali jew in natura oħra, inkluż assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2331
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-	3. L-Istati Membri għandhom***, bħala regola ġenerali, jużaw il-programmi għar-***

appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni ***u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni***. ***Il-programmi*** nazzjonali ***u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza*** jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.	***ritorn u riintegrazzjoni pprovduti mill-Unjoni. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni. ***L-assistenza kemm taħt programmi tal-Unjoni kif ukoll taħt programmi*** nazzjonali ***tista' tinkludi assistenza*** jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ma għandux jingħata bħala regola ġenerali, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu b'mod irregolari huma obbligati li jkopru l-kostijiet tar-ritorn tagħhom stess, bl-assistenza tingħata biss fejn ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-assistenza għar-ritorn volontarju, u b'mod partikolari l-appoġġ għar-riintegrazzjoni, jistgħu joħolqu fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari.

Emenda 2332
Irena Joveva

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu*** programmi ***nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn*** u r-riintegrazzjoni ***u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza*** għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw id-disponibbiltà ta'*** programmi ***għar-ritorn*** u r-riintegrazzjoni***, appoġġati jew iffinanzjati fil-livell*** nazzjonali ***jew tal-Unjoni. Tali programmi u assistenza*** għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2333
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. fr

Emenda 2334
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u ***għandhom, bħala regola ġenerali,*** jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn ***volontarju*** u r-riintegrazzjoni u ***jistgħu*** jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2335
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ***ta' ritorn***, mogħtija lil ***ċittadin ta' pajjiż terz***.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew in natura oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ***tat-trasferiment***, mogħtija lil ***persuna ripatrijata***.

Or. en

Emenda 2336
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-programmi nazzjonali għandhom jinkludu l-għoti ta' informazzjoni adegwata mill-Istati Membri dwar il-kundizzjonijiet fil-pajjiżi ta' ritorn, trasferiment xieraq ta' kura għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u arranġamenti ta' kustodja tal-familja għal tfal mhux akkumpanjati u separati, u mekkaniżmi għat-trasferiment xieraq ta' assistenza legali u aċċess għall-ġustizzja u mekkaniżmi ta' rimedju, inklużi miżuri

biex jiġi żgurat aċċess għall-ġustizzja wara r-ritorn lejn pajjiż terz.

Or. en

Emenda 2337
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2338
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2339
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex speċifikat li l-assistenza għar-riintegrazzjoni hija dritt. L-Istati Membri għandhom jitħeġġu biex jipprovdu assistenza għar-riintegrazzjoni kemm jista' jkun ta' spiss, peress li dan jgħin biex jiżgura ritorni sostenibbli.

Emenda 2340
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.	4. L-assistenza ***għar-ritorn u*** għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ma għandux jingħata bħala regola ġenerali, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu b'mod irregolari huma obbligati li jkopru l-kostijiet tar-ritorn tagħhom stess, bl-assistenza tingħata biss fejn ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-assistenza għar-ritorn volontarju, u b'mod partikolari l-appoġġ għar-riintegrazzjoni, jistgħu joħolqu fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari.

Emenda 2341
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.	4. L-assistenza ***għar-ritorn u*** għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 2342
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.	4. L-assistenza ***għar-ritorn u*** għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.

Or. en

Emenda 2343
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha ***tirrifletti l-livell ta' kooperazzjoni u konformità tal-ċittadin ta' pajjiż terz u tista' tonqos matul iż-żmien. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli***:	5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha ***tqis***:

Or. en

Emenda 2344
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha tirrifletti l-livell ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u tista' tonqos matul iż-żmien.*** Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:	5. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:

Or. en

Emenda 2345
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ***għandha tirrifletti l-livell ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u*** tista' tonqos matul iż-żmien. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:	5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tonqos matul iż-żmien. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:

Or. en

Emenda 2346
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u ***r-riintegrazzjoni*** għandha ***tirrifletti l-livell*** ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***u tista' tonqos matul iż-żmien***. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn ***u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli***:	5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn ***għandha tkun minima*** u għandha ***tiddependi mil-livell*** ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ***u tista' tonqos matul iż-żmien***. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn:

Or. en

Emenda 2347
François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha ***tirrifletti l-livell*** ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u tista' ***tonqos matul iż-żmien***. Il-kriterji li ġejjin ***għandhom*** jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:	5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha ***tkun strettament marbuta mal-livell*** ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u tista' ***titnaqqas jew tiġi rtirata***. Il-kriterji li ġejjin ***jistgħu*** jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:

Or. en

Emenda 2348
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. il-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat matul il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni, kif prevista fl-Artikolu 21;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2349
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***il-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat matul il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni, kif prevista fl-Artikolu 21***;	a. ***Iċ-ċirkostanzi individwali tal-każ***;

Or. en

Emenda 2350
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***il-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat matul*** il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni***, kif prevista fl-Artikolu 21***;	a. ***Jekk il-persuna ripatrijata tkunx ostakolat deliberatament*** il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jitħeġġu biex jipprovdu konsulenza dwar ir-ritorn u assistenza għar-riintegrazzjoni, mhux jiġu pprovduti b'diversi skużi biex ma jagħtux tali konsulenza u assistenza. Nuqqas serju ta' kooperazzjoni fejn il-proċedura ta' ritorn tkun ġiet ostakolata

deliberatament mill-persuna ripatrijata jista' jagħti lok għal kunsiderazzjoni tal-livell ta' assistenza.

Emenda 2351
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament, jew ikunx soġġett għal tneħħija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2352
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament, jew ikunx soġġett għal tneħħija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2353
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament, jew ikunx soġġett għal tneħħija;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsulenza dwar ir-ritorn hija saħansitra aktar importanti meta l-persuna ripatrijata ma tkunx trid taċċetta d-deċiżjoni ta' ritorn. Ikun kontroproduttiv li titnaqqas il-konsulenza dwar ir-ritorn f'każijiet bħal dawn.

Emenda 2354
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex ċittadin ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1806;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2355
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex ċittadin ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1806;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2356
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2357
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2358
Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Emma Rafowicz, Matjaž Nemec, Marco Tarquinio, Francisco Assis, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa diffiċli ħafna li wieħed jara r-rabta bejn kundanna għal reat kriminali (anke jekk biss kontravenzjoni) u l-konsulenza dwar ir-ritorn. Jekk l-UE u l-Istati Membri jridu jtejbu r-rata ta' ritorn bis-serjetà, jeħtieġ li jipprijoritizzaw azzjonijiet li jagħmlu r-ritorni effettivi u sostenibbli, mhux isibu raġunijiet biex ma jiħdux azzjonijiet bħal dawn.

Emenda 2359
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali;	d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat ***ċivili jew*** kriminali;

Or. en

Emenda 2360
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux ħtiġijiet speċifiċi minħabba li jkun persuna vulnerabbli, minorenni, minorenni mhux akkumpanjat jew parti minn familja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2361
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux ħtiġijiet speċifiċi minħabba li jkun persuna vulnerabbli, minorenni, minorenni mhux akkumpanjat jew parti minn familja.	e. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux ħtiġijiet speċifiċi minħabba li jkun persuna vulnerabbli, minorenni, minorenni mhux akkumpanjat jew parti minn familja***, LGBTIQ+, nisa waħedhom, jew sitwazzjonijiet oħra***.

Or. en

Emenda 2362
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jistax ikopri l-kostijiet tar-ritorn bil-mezzi tiegħu stess;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ma għandux jingħata bħala regola ġenerali, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu b'mod irregolari huma obbligati li jkopru l-kostijiet tar-ritorn tagħhom stess, bl-assistenza tingħata biss fejn ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-assistenza għar-ritorn volontarju, u b'mod partikolari l-appoġġ għar-riintegrazzjoni, jistgħu joħolqu fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Għalhekk nipproponi li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 46(5), li jiggwidaw id-deċiżjonijiet dwar in-natura u l-livell ta' appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, jiġu kkomplementati billi jiżdiedu kriterji ġodda relatati mas-sitwazzjoni finanzjarja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u r-riskju li jinħoloq fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-Istati Membri bi fruntieri esterni. Alternattivament, l-Artikolu 46(5) għandu jagħmilha ċara li l-lista ta' kriterji mhijiex eżawrjenti. Barra minn hekk, ir-Regolament ma għandux jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi nazzjonali addizzjonali; dawn għandu jkollhom il-possibbiltà, fejn xieraq, li jiddependu biss mill-programmi tal-Unjoni.

Emenda 2363
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. kriterji addizzjonali f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 2364

Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ea. kriterji addizzjonali skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 2365
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	eb. jekk ikunx hemm riskju li sseħħ migrazzjoni irregolari bħala riżultat tal-assistenza mogħtija;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ma għandux jingħata bħala regola ġenerali, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu b'mod irregolari huma obbligati li jkopru l-kostijiet tar-ritorn tagħhom stess, bl-assistenza tingħata biss fejn ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-assistenza għar-ritorn volontarju, u b'mod partikolari l-appoġġ għar-riintegrazzjoni, jistgħu joħolqu fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Għalhekk nipproponi li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 46(5), li jiggwidaw id-deċiżjonijiet dwar in-natura u l-livell ta' appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, jiġu kkomplementati billi jiżdiedu kriterji ġodda relatati mas-sitwazzjoni finanzjarja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u r-riskju li jinħoloq fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-Istati Membri bi fruntieri esterni. Alternattivament, l-Artikolu 46(5) għandu jagħmilha ċara li l-lista ta' kriterji mhijiex eżawrjenti. Barra minn hekk, ir-Regolament ma għandux jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi nazzjonali addizzjonali; dawn għandu jkollhom il-possibbiltà, fejn xieraq, li jiddependu biss mill-programmi tal-Unjoni.

Emenda 2366
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ec. kriterji addizzjonali skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni ma għandux jingħata bħala regola ġenerali, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu b'mod irregolari huma obbligati li jkopru l-kostijiet tar-ritorn tagħhom stess, bl-assistenza tingħata biss fejn ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-assistenza għar-ritorn volontarju, u b'mod partikolari l-appoġġ għar-riintegrazzjoni, jistgħu joħolqu fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Għalhekk nipproponi li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 46(5), li jiggwidaw id-deċiżjonijiet dwar in-natura u l-livell ta' appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, jiġu kkomplementati billi jiżdiedu kriterji ġodda relatati mas-sitwazzjoni finanzjarja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u r-riskju li jinħoloq fattur ta' attrazzjoni għall-migrazzjoni irregolari. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-Istati Membri bi fruntieri esterni. Alternattivament, l-Artikolu 46(5) għandu jagħmilha ċara li l-lista ta' kriterji mhijiex eżawrjenti. Barra minn hekk, ir-Regolament ma għandux jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi nazzjonali addizzjonali; dawn għandu jkollhom il-possibbiltà, fejn xieraq, li jiddependu biss mill-programmi tal-Unjoni.

Emenda 2367
Charlie Weimers, Alessandro Ciriani, Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni**,** l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.	6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu***, bħala regola ġenerali,*** ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. ***L-Istati Membri u*** l-Unjoni ***jistgħu jidderogaw minn din ir-regola ġenerali sabiex jappoġġaw ir-ritorn immedjat ta' ċittadin ta' pajjiż terz.*** L-Istati Membri***, l-Unjoni*** u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-

koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 2368
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.	6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni***, b'mod partikolari għall-iskambju regolari tad-data dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna***.

Or. fr

Emenda 2369
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma ***għandhiex*** tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. ***L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.***	6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma ***tistax*** tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 2370
Mary Khan

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. ***L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.***	6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 2371
Mélissa Camara

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ***ma għandhiex tingħata*** lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.	6. ***L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jagħtux*** l-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 2372

François-Xavier Bellamy, Lukas Mandl, Alice Teodorescu Måwe, Sander Smit, Loránt Vincze, Lena Düpont, Tomas Tobé, Rasa Juknevičienė, Jeroen Lenaers, Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Ma għandha tingħata l-ebda assistenza għar-riintegrazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li joħolqu riskju għas-sigurtà skont l-Artikolu 16.

Or. en

Emenda 2373
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 46a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 46a
	Valutazzjoni u Klassifikazzjoni Annwali ta' Pajjiżi Terzi
	1. Sal-1 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport pubbliku li jkun fih valutazzjoni komprensiva tal-kooperazzjoni ta' kull pajjiż terz rilevanti dwar ir-riammissjoni, ibbażata fuq id-data u l-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 48. Ir-rapport għandu jikkalkula r-"rata ta' aċċettazzjoni tar-ritorn" għal kull pajjiż, definita bħala l-perċentwal ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi effettivament irritornati minn għadd totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli li għalihom tkun intalbet ir-riammissjoni.
	2. Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Mejju ta' kull sena, tadotta att ta' implimentazzjoni li jikklassifika kull pajjiż

terz f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) Kategorija A+: Pajjiżi b'rata ta' aċċettazzjoni ta' ritorni ta' 90 % jew ogħla.

(b) Kategorija A: Pajjiżi b'rata ta' aċċettazzjoni ta' ritorni ta' 75 % jew ogħla, iżda inqas minn 90 %.

(c) Kategorija B: Pajjiżi b'rata ta' aċċettazzjoni ta' ritorni ta' 50 % jew ogħla, iżda inqas minn 75 %.

(d) Kategorija C: Pajjiżi b'rata ta' aċċettazzjoni ta' ritorni ta' 25 % jew ogħla, iżda inqas minn 50 %.

(e) Kategorija D: Pajjiżi b'rata ta' aċċettazzjoni ta' ritorni ta' inqas minn 25 %.

3. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2). Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

4. Il-klassifikazzjoni ta' pajjiż terz f'kategorija speċifika għandu jkollha effett awtomatiku u immedjat mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni, u b'hekk tibda l-applikazzjoni tal-miżuri korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 46b.

Or. en

Emenda 2374
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 46b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 46b
	Metodoloġija għall-Kalkolu u r-

Riallokazzjoni ta' Fondi Sospiżi

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi metodoloġija dettaljata għall-kalkolu tar-riżorsi finanzjarji sospiżi bħala konsegwenza tal-miżuri applikati skont l-Artikolu 46b. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-metodoloġija għandha tistabbilixxi kriterji komuni għall-Unjoni u l-Istati Membri biex jidentifikaw u jikkwantifikaw il-fondi sospiżi. Din għandha tkopri, bħala minimu:

(a) Fondi minn ftehimiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni u strumenti ta' assistenza għall-iżvilupp, inklużi impenji mhux imqassma u programmazzjoni futura kkanċellata għall-pajjiżi kkonċernati.

(b) Fondi minn ftehimiet bilaterali ta' assistenza għall-iżvilupp u finanzjament tal-Istati Membri, li jiżguraw approċċ konsistenti għall-valutazzjoni ta' proġetti u programmi sospiżi.

(c) Kwalunkwe riżorsa baġitarja identifikabbli oħra minn sħubijiet jew ftehimiet sospiżi li għandhom komponent finanzjarju dirett.

(d) Il-metodoloġija għandha tenfasizza fuq in-nefqa baġitarja diretta u ma għandhiex tinkludi kalkoli ta' impatti ekonomiċi indiretti, bħad-dħul mid-dwana minn tariffi preferenzjali sospiżi.

3. Kull sena, wara l-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 46a(2), l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jikkalkulaw u jirrappurtaw l-ammont totali tal-fondi sospiżi tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsolida d-data rrappurtata mill-Istati Membri

mal-ammont ta' fondi tal-Unjoni sospiżi. Abbażi ta' din il-konsolidazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammont totali ta' fondi sospiżi u tagħmel din iċ-ċifra pubblika. L-ammont totali ta' fondi sospiżi determinat f'konformità mal-paragrafu 4 għandu jsir disponibbli u jiġi allokat mill-ġdid skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) Ħamsin fil-mija tal-ammont totali għandu jkun dirett biex jappoġġa proġetti ġodda ta' żvilupp, sħubija, u governanza tajba f'pajjiżi terzi kklassifikati fil-Kategorija A+. Il-Kummissjoni għandha tipprijoritizza proġetti mmirati lejn il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli.

(b) Ħamsin fil-mija tal-ammont totali għandu jiġi allokat għall-istrumenti rilevanti tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri, primarjament l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI), bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u li jiġu appoġġati l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

5. Ir-riallokazzjoni tal-fondi skont dan l-Artikolu għandha tiġi implimentata f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-baġit tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet baġitarji meħtieġa jew tipproponi kwalunkwe trasferiment baġitarju meħtieġ biex tagħti effett lil din id-dispożizzjoni.

Or. en

Emenda 2375
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE

Proposta għal regolament
Artikolu 46c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 46c
	Konsegwenzi tal-Klassifikazzjoni
	1. Pajjiżi terzi kklassifikati fil-Kategorija A+ jew A ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri skont dan l-Artikolu.
	2. Għal pajjiż terz ikklassifikat fil-Kategorija B, il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw fil-livell tal-Unjoni:
	(a) Il-Kummissjoni għandha tissospendi l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' finanzjament ġodda għal proġetti ta' assistenza għall-iżvilupp iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni mal-gvern ta' dak il-pajjiż u l-korpi pubbliċi tiegħu.
	(b) L-Unjoni għandha, f'konformità mal-qafas legali tal-ftehimiet eżistenti tagħha, tibda l-proċeduri meħtieġa biex tissospendihom.
	(c) Kwalunkwe aċċess preferenzjali għas-suq mogħti mill-Unjoni skont l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP, jew SĠP+) għandu jiġi sospiż.
	(d) Kwalunkwe arranġament ta' vvjaġġar mingħajr viża mogħti mill-Unjoni għandu jiġi sospiż.
	3. Fil-każ ta' pajjiż terz ikklassifikat fil-Kategorija B, l-Istati Membri jistgħu, abbażi tal-valutazzjoni tagħhom stess, jiddeċiedu li jieħdu miżuri korrispondenti fil-livell nazzjonali, inkluża s-sospensjoni ta' ftehimiet bilaterali ġodda jew eżistenti ta' assistenza għall-iżvilupp u ta' finanzjament.
	4. Għal pajjiż terz ikklassifikat fil-Kategorija C, minbarra l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin:
	(a) Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru

810/2009 (Kodiċi dwar il-Viżi), tipproponi lill-Kunsill is-sospensjoni temporanja tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir lil ċittadini ta' dak il-pajjiż.

(b) Il-Kummissjoni għandha tibda proċedura biex tiddetermina jekk l-impożizzjoni ta' tariffi punittivi jew restrizzjonijiet kummerċjali oħra tkunx ġustifikata u legalment fattibbli.

5. Għal pajjiż terz ikklassifikat fil-Kategorija D, minbarra l-miżuri stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4, għandu japplika dan li ġej: Mal-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jikklassifika pajjiż fil-Kategorija D, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni għandhom, mingħajr dewmien, jippreżentaw proposta konġunta lill-Kunsill għal Deċiżjoni biex jiġu adottati miżuri restrittivi komprensivi kontra dak il-pajjiż skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, iffriżar tal-assi, projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar fuq individwi ddeżinjati, projbizzjoni fuq it-trasferiment ta' fondi, u restrizzjonijiet kummerċjali severi bħal projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

6. Fil-ftehimiet kummerċjali u ta' sħubija futuri kollha, l-Unjoni għandha tinkludi klawżola li tippermetti s-sospensjoni tagħhom jew l-impożizzjoni ta' tariffi jekk il-pajjiż terz ikun ikklassifikat fil-Kategorija C jew D.

7. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom jieħdu l-miżuri legali u amministrattivi kollha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u immedjata tal-konsegwenzi fil-livell tal-Unjoni stabbiliti f'dan l-Artikolu.

8. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jipprevjeni lil Stat Membru milli joħroġ viża għal raġunijiet

umanitarji jew milli jipprovdi għajnuna umanitarja.

Or. en